

*Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Eggers, I. Galindo Martín u B. Rous Demiri, aġenti)*

*Intervenjenti insostenn tal-kovenuta: Ir-Repubblika tal-Kroazja (rappreżentanti: G. Vidović Mesarek, aġent, assistit minn I. Ċuk, avukat)*

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1353 tad-19 ta' Mejju 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 607/2009 fir-rigward ta' varjetajiet ta' għeneb tal-inbid u s-sinonimi tagħhom li jistgħu jidhru fuq it-tikkettar tal-inbejjed (ĠU 2017, L 190, p. 5)

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika tas-Slovenja għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 392, 20.11.2017.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Settembru 2020 – Kerkosand vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-745/17) (<sup>1</sup>)

(“*Għajnuna mill-Istat – Għajnuna intiża għal proġett ta’ investiment fil-Punent tas-Slovakkja – Għajnuna għall-investiment reġjonali – Ċaħda ta’ lment – Deċiżjoni li ma jitqajmux ogħżejjekk – Kundizzjonijiet għal eżenzjoni – Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 – Portata tas-setgħa ta’ investiġazzjoni tal-Kummissjoni – Linji Gwida dwar l-ghajjnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 – Kunċett ta’ SME – Artikolu 3(2) u (3) tal-Anness I tar-Regolament Nru 651/2014 – Informazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-għadd tal-persunal u għall-ammonti finanzjarji u perijodu ta’ referenza – Artikolu 4 tal-Anness I tar-Regolament Nru 651/2014 – Dubji dwar il-kompatibbiltà tal-ghajjnuna mas-suq intern – Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2015/1589 – Diffikultajiet serji”)*

(2020/C 378/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Kerkosand spol. s r. o. (Šajdikove Humence, is-Slovakkja) (rappreżentanti: A. Rosenfeld u C. Holtmann, avukati)

*Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Blanck u A. Bouchagiar, aġenti)*

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 5050 final tal-20 ta' Luju 2017, dwar l-ghajjnuna għall-investiment favur il-produttur Slovakk tar-ramel tas-silika NAJPI a. s. (SA.38121 (2016/FC) – Is-Slovakkja) (ĠU 2017, C 336, p. 1),

### Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 5050 final tal-20 ta' Luju 2017 dwar l-ghajjnuna għall-investiment favur il-produttur Slovakk tar-ramel tas-silika NAJPI a. s. (SA.38121 (2016/FC) – Is-Slovakkja), hija annullata.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 42, 5.2.2018.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Settembru 2020 – Société générale vs BĊE

(Kawża T-143/18) (<sup>1</sup>)

(“Politika ekonomika u monetarja – Superviżjoni prudenziali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu – Kontribuzzjoni għall-iskema ta’ garanzija tad-depożiti jew għall-fond uniku ta’ riżoluzzjoni permezz ta’ impenji ta’ pagament irrevokabbli – Kompeti kkonferiti lill-BĊE – Setgħat superviżorji speċifiċi tal-BĊE – Artikolu 4(1)(f) u Artikolu 16(1)(c) u (2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Mżura li timponi t-tnaqqis tal-ammont akkumulat tal-bilanċi tal-impenji ta’ pagament irrevokabbli mill-ekwità komuni ta’ grad 1 – Assenza ta’ eżami individwali”)

(2020/C 378/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Société générale (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. Gosset-Grainville, M. Trabucchi u M. Dalon, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: E. Koupepidou, R. Bax u F. Bonnard, aġenti)

#### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parżjali, minn naħħa, tad-deċiżjoni ECB/SSM/2017-O2R-NE8IBXP4ROTD8PU41/174 tal-BĊE tad-19 ta’ Diċembru 2017, u, min-naħħa l-oħra, tad-deċiżjoni ECB-SSM-2019-FRSOG-10 tal-BĊE tal-14 ta’ Frar 2019.

#### Dispożittiv

- 1) Il-punt 5 tad-deċiżjoni ECB/SSM/2017-O2RNE8IBXP4ROTD8PU41/174 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tad-19 ta’ Diċembru 2017, kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Anness A tagħha u l-punt 5 tad-deċiżjoni ECB-SSM-2019-FRSOG-10 tal-BĊE tal-14 ta’ Frar 2019, kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Anness tagħha huma annullati fir-rigward ta’ Société générale.
- 2) Il-BĊE huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 161, 7.5.2018.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Settembru 2020 – BNP Paribas vs BĊE

(Kawża T-150/18 u T-345/18) (<sup>1</sup>)

(“Politika ekonomika u monetarja – Superviżjoni prudenziali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu – Kontribuzzjoni għall-iskema ta’ garanzija tad-depożiti jew għall-fond uniku ta’ riżoluzzjoni permezz ta’ impenji ta’ pagament irrevokabbli – Kompeti kkonferiti lill-BĊE – Setgħat superviżorji speċifiċi tal-BĊE – Artikolu 4(1)(f) u Artikolu 16(1)(c) u (2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Mżura li timponi t-tnaqqis tal-ammont akkumulat tal-bilanċi tal-impenji ta’ pagament irrevokabbli mill-ekwità komuni ta’ grad 1 – Assenza ta’ eżami individwali”)

(2020/C 378/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: BNP Paribas (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. Gosset-Grainville, M. Trabucchi u M. Dalon, avukati)